Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 24 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11007/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 21
RELEX 666

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)

21 ta' Settembru 2020

## WERREJ

**Paġna**

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi


3. Ġrajjiet Kurrenti ........................................ 3
4. Libja ........................................ 3
5. Relazzjonijiet UE-UA ........................................ 3
6. Belarussja ........................................ 3
7. Affarijiet oħra ........................................ 3


***

## Attivitajiet mhux leġiżlattivi

### 3. Ġrajjiet Kurrenti

Ir-Rappreżentant Għoli u l-Ministri rreferew fil-qosor għas-sitwazzjoni fil-Libanu, it-Tuneżija u l-Venezwela, kif ukoll għar-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja, iċ-Ċina u t-Turkija.

In-Netherlands infurmaw dwar l-inizjattiva tagħhom li s-Sirja tinżamm responsabbli skont id-dritt internazzjonali għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tortura b'mod partikolari.

### 4. Libja
***Skambju ta' fehmiet***

Ir-Rappreżentant Għoli għarrafdwar iż-żjara reċenti tiegħu fil-Libja u l-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar l-aħħar żviluppi politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà fil-pajjiż.

### 5. Relazzjonijiet UE-UA
***Skambju ta' fehmiet***

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-sħubija bejn l-UE u l-Afrika u dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet tal-Laqgħa Ministerjali u s-Summit mal-Unjoni Afrikana. Il-Kummissjoni għarrfet lill-Ministri dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati ta' wara Cotonou.

### 6. Belarussja
***Skambju ta' fehmiet***

Ir-Rappreżentant Għoli u l-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-Belarussja, li matulu tennew li l-UE ma rrikonoxxietx l-eżitu tal-elezzjonijiet ta' Awwissu.

### 7. Affarijiet oħra

Il-Belġju qajjem il-kwistjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-UE f'fora multilaterali bil-ħsieb li tinkiseb l-unità u jiżdied l-ingranaġġ tal-UE fuq l-affarijiet globali.